## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' MARZU 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 4**

**Rik. 1133/2020 RGM**

**Therese Cachia**

**vs.**

**Elena Cachia fil-kwalita tagħha tal-unika eredi ta' Martin Cachia li miet fis-16 ta' Jannar 2016**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar talba magħmula minn armla kontra l-eredi ta' żewġha minnu separata bis-saħħa ta' sentenza mogħtija fis-sena 2010 li fost l-oħrajn ordnat lil żewġha jħallasha somma flus bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Konsiderazzjonijiet dwar talbiet sabiex jiġu reżi eżekutivi sentenzi kontra l-eredi ta' parti sokkombenti f'sentenza.

**Daħla.**

2. Bis-saħħa ta' rikors tat-30 ta' Novembru 2020, Therese Cachia fissret li hija sseparat minn, illum mejjet, Martin Cachia, u dan permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Apell fl-ismijiet **Martin Cachia vs. Therese Cachia** (App Ċiv 1180/02) mogħtija fit-28 ta' Mejju 2010. Din is-sentenza ġiet insinwata mar-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota ta' insinwa nru 9752/2012. Wara s-separazzjoni, Therese u Martin Cachia iddivorzjaw.

3. Sussegwentement Martin Cachia iżżewweġ lill-konvenuta Elena Cachia mil-liema żwieġ ma kellhomx ulied. Spjegat li Martin Cachia miet intestat fis-16 ta' Jannar 2016. Ippremettiet li t-tfal tal-mejjet Martin Cachia irrunzjaw għall-wirt u skont il-liġi s-sehem tagħhom intiret mill-ko-eredi Elena Cachia.

4. Fissret li fl-1 ta' Lulju 2019 dik li qabel kienet id-dar matrimonjali inbiegħet lil terzi u fuq il-kuntratt ta' bejgħ dehret Elena Cachia bħala l-unika eredi ta' Martin Cachia. L-attriċi tgħid li irriżultalha li fl-24 t'April 2019, Elena Cachia għamlet dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Michael Joseph Galea. Tgħid li hija għandha interess li teżegwixxi s-sentenza u tiġbor il-bilanċ rimanenti dovut lilha bis-saħħa tas-sentenza ta' separazzjoni personali fuq imsemmija u għalhekk resqet din l-azzjoni a tenur tal-Artikoli 258 u 259 tal-Kapitolu 12. Għaldaqstant talbet lil din il-Qorti

"a) Tirrendi ezekuttiva s-sentenza fl-ismijiet Martin Cachia vs. Therese Cachia Appell Nru 1180/02 NC, deciza fit-28 ta' Mejju 2010 skont l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza kontra l-eredi tal-mejjet Martin Cachia u cioe kontra Elena Cachia skont l-Artikolu 259 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

5. Fit-8 ta' Ġunju 2021 l-intimata Elena Cachia ppreżentat r-risposta tagħha u eċċepiet li fl-ewwel lok l-attriċi għandha tiddikjara x'inhu l-bilanċ tal-kreditu dovut, fit-tieni lok eċċepiet li l-attriċi għandha tressaq il-provi dwar min huma l-werrieta skont il-liġi tad-defunt Martin Cachia u fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, kwalunkwe kreditu li kien dovut lil Therese Cachia bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Martin Cachia vs. Therese Cachia ġie mħallas lilha u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa.

6. Rat il-provi kollha li tressqu.

7. Rat li r-rikorrenti naqset milli tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet, filwaqt li l-intimata ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet fil-31 ta' Jannar 2023.[1]

8. Il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

9. Din hija azzjoni msejsa fuq l-**Artikoli 258 u 259 tal-Kapitolu 12,** liema artikoli jipprovdu s-segwenti:

"**258**. Wara –

(a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) , (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit

[...]

[1] Fol 102 et seq tal-proċess.

l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.

**259** (1) Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu dejjem meħtieġ, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien imsemmi fl-imsemmi artikolu."

10. Minn eżami taż-żewġ artikoli tal-liġi appena ċitati jemerġu s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar **l-elementi tal-azzjoni ai termini tal-Artikoli 258 u 259 tal-Kapitolu 12:**

i. Kreditur li jgawdi minn titotlu eżekuttiv kontra d-debitur tiegħu għandu terminu determinat statutorjament sakemm jista' jeżegwixxi tali titolu eżekuttiv;

ii. Skadenti dak it-terminu, il-kreditur ma jitlifx darba għal dejjem it-titolu eżekuttiv li jipposjedi, iżda temporanjament dak it-titolu jitlef is-saħħa eżekutiva tiegħu sakemm il-kreditur jadixxi l-Qorti għall-awtorizzazzjoni sabiex kun jista' jiprosegwi bl-eżekuzzjoni;

iii. Fil-proċedura għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja imsemmija l-kreditur irid bil-ġurament tiegħu jiddikjara illi l-intimat għadu debitur tiegħu għas-somma intiera jew għal parti minnha;

iv. Huwa miżmum illi rrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont speċifiku. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur [**Bank of Valletta plc vs Refco Co Ltd** mogħtija mill-

Prim'Awla fit-12 ta' April 2012; Ara wkoll **HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli et** mogħtija mill-Prim'Awla fit-18 t'April 2002];

v. F'sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Bank of Valletta p.l.c. vs. John Borg et"** mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2022 inżamm illi:

> 13. Illi l-Qorti tqis li huwa aċċettat li l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija meħtieġa għaliex kull titolu eżekuttiv għandu żmien limitat ta' siwi u li dak iż-żmien ta' dekadenza jeħtieġ li s-saħħa ta' titolu bħal dan terġa' titqajjem mill-ġdid sewwasew bi proċedura bħal din. L-għan ta' din il-proċedura huwa dak li terġa' tingħata s-setgħa lill-kreditur ta' titolu bħal dak biex jeżegwixxi jew ikompli jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv minnu miksub, ikun ta' liema għamla jkun.
>
> […]
>
> 14. Illi din il-Qorti tqis ukoll li, fi proċedura bħalma ressaq ……(il-kreditur) …..f'din il-kawża, xogħol il-qorti jrid ikun li tara li t-titolu eżekuttiv li dwaru tressqet it-talba jkun titolu li jiswa, li tara li jkun tassew għadda ż-żmien tal-eżekuttività tiegħu kif maħsub fil-liġi, u li għal xi raġuni, l-eżekuzzjoni ta' dak it-titolu baqgħet ma ntemmitx. F'każ li t-tweġiba għal dawn il-kweżiti kollha tkun fl-affermattiv, il-qorti li quddiemha titressaq talba bħal din ma għandha għalfejn tqis l-ebda ħaġa oħra…….."
> 15. Illi, madankollu, fejn id-debitur eżekutat intimat iqajjem kwestjoni dwar kemm għad fadallu jħallas jew b'liema mod il-kreditur eżekutant qiegħed ikejjel kemm għad għandu jieħu, il-Qorti ma għandhiex tagħmel stħarriġ fuq is-siwi ta' kwestjoni bħal din jekk mhux biex tista' tasal għal fehma dwar is-siwi tat-titolu, li huwa wieħed mit-tliet kweżiti meħtieġa fi proċedura bħal din. ……"

vi. Bil-fatt li fi proċeduri bħal dawk odjerni l-kreditur isemmi l-ammont li jippretendi li għadu dovut bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, ma jfissirx li l-Qorti għandha tindaga sabiex tistabbilixxi l-ammont pretiż pendenti iżda biss jekk l-ammont dovut skond it-titolu eżekuttiv ġiex saldat fl-intier tiegħu.

vii. F'kawża tax-xorta bħal dik odjerna ma hux mogħti lill-konvenut illi jqajjem eċċezzjonijiet li jirreferu għall-mertu tal-kwistjoni tal-partijiet qabel inħoloq it-titolu eżekuttiv; irrispettivament jekk tali titolu eżekuttiv twelidx minn sentenza, lodo arbitrali, kuntratt pubbliku jew mezz idoenu ieħor;

viii. Kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-konvenut jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu, tkun qiegħda tiftaħ mill-ġdid il-mertu deċiż b'sentensza definittiva. Għaldaqstant, konsiderazzjonijiet dwar l-ammont effettivament dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti li tindaga dwaru. Diverġenza dwar l-ammont bilanċjali dovut trid tiġi ventilata fi proċeduri apppożiti referibbli għar-rimedji li tagħti l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi[2];

ix. Dan għaliex f'kawżi bħal dawk odjerni l-kreditur ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jeżegwixxi titolu eżekuttiv preċedentement akkwistat permezz ta' sentenza preċedenti[3];

x. Fl-eventwalita' li d-debitur li kontra tiegħu hemm titotlu eżekuttiv imut qabel jissalda mal-kreditur dak kollu minnu dovut, huwa dejjem meħtieġ li qabel ma l-kreditur jipproċedi sabiex jeżegwixxi l-istess titotlu eżekuttiv kontra l-eredi tad-debitur, li jitlob preventivament l-awtorizzazzjoni tal-qorti, irrispettivament minn kemm ikollu eta' t-titolu eżekuttiv fil-jum tal-mewt tad-debtiur;

xi. Fil-kawża kontra l-eredi jinkombi fuq l-attur li jipprova illi l-konvenuti huma l-eredi tad-debitur.

xii. Dwar id-dejn li jrid jagħmel tajjeb għalih il-werriet tad-debitur, ġie miżmum mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Edgar Fava vs. Gerald Rapinett et** mogħtija fil-25 ta' Frar 2021:

[2] **Emmanuele Falzon pro et noe vs. Joseph Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1988.
[3] **John Portelli noe vs. Henry Azzopardi pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1997.

"L-Artikolu 831 tal-Kodici Civili jghid illi s-successjoni tinfetah kif tigri l-mewt. Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet, jghid l-Artikolu 836 tal-istess Kodici, jghaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt. Ovvjament, kif jghid l-Artikolu 846 tal-istess Kodici, hadd ma hu obbligat li jaccetta wirt li jmiss lilu, pero`, sa ma jkun hemm rinunzja, il-werrieta skont il-ligi jitqiesu li jirrapprezentaw il-mejjet.

L-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv jista' jintalab, fi kliem iehor, kontra l-eredi nominati b'dan, pero`, li dak li ma jaccettax il-wirt ma jkunx jista' jigi imgieghel ihallas lanqas sehmu. Ghall-fini ta' l-esegwibilita` ta' kuntratt pubbliku, il-kreditur irid jipprocedi kontra l-werrieta li bis-sahha tal-ligi jkomplu l-personalita` guridika tal-mejjet, il-hlas, imbaghad, ikun irid isir minn min ma jkunx irid jirrinunzja ghall-wirt. L-Artikolu 259(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid car u tond li z-zmien li fih wiehed jista' jiddikjara jekk iridx jaccetta l-wirt "ma jissospendix l-esekuzzjoni" bir-rizultat li l-process ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv jibqa' ghaddej kontra l-werrieta bil-ligi."

Hekk delineati l-prinċipji ewlenien regolanti l-azzjoni odjerna, imiss issa li l-Qorti tikkonsidra qabel xejn l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta.

**L-ewwel eċċezzjoni**

11. Il-konvenuta laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti billi eċċepiet li r-rikorrenti għandha tindika eżatt il-kreditu minnha pretiż, B'nota maħlufa tas-6 t'Awwissu 2021 l-attriċi Therese Cachia ppreżentat prospett dettaljat dwar l-ammont li hija tippretendi li għadu dovut lilha b'effett tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju 2010. F'din in-nota hija spjegat li skond is-sentenza kellha tirċevi mingħand Martin Cachia s-somma globali ta' €190,077.50 rappreżentanti:

i. €174,703 meta tinbiegħ id-dar matrimonjali tal-partijiet;
ii. €9,917.50 rappreżentanti nofs il-valur tal-cabin cruiser 'Josephine';
iii. €4,658.75 nofs il-valur tal-katamaran 'Marton' liema ammont kien stabbilit fis-sentenza;

iv. €1,398 rappreżentanti sehem ir-rikorrenti minn vettura li ġiet assenjata lil Martin Cachia.

12. Id-dar matrimonjali inbiegħet lil terzi fl-1 ta' Lulju 2019. Mir-rikavat tal-bejgħ hija tħallset minn flus appartenenti lill-wirt ta' Martin Cachia is-somma ta' €65,908.27 biss għaliex il-kumplament tal-flus li irċeviet fuq dak il-kuntratt kienu jirrapreżentaw is-sehem tagħha mill-fond immobiljari u mhux flus lilha dovuti mill-wirt ta' Martin Cachia. Tispjega għalhekk illi għad hemm is-somma kapitali lilha dovuta ta' €124,169.23 oltre l-imgħax.

**13. Dak li xhedet l-attriċi ma ġie bl-ebda mod kontradett mill-konvenuta. Il-Qorti għalhekk qed tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.**

**It-tieni eċċezzjoni**

14. L-intimata eċċepiet li r-rikorrenti għandha ġġib prova dwar min huma l-werrieta tad-defunt Martin Cachia. Din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-intimata stess fl-affidavit tagħha fejn ikkonfermat li l-ulied tal-ewwel żwieġ tad-defunt irinunzjaw għal wirt tiegħu pero' tissottometti illi kemm hi kif ukoll l-attriċi Therese Cachia huma l-werrieta ta' Martin Cachia.

15. Il-konvenuta spjegat li wara l-mewt ta' Martin Cachia kienet kitbet lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali sabiex tara hijiex intitolata għal pensjoni sħiħa u r-risposta tad-Dipartiment kienet li ai termini tal-Artikolu 45A tal-Att dwar is-Sigurta Soċjali, il-pensjoni għar-Romol tinqsam bejn l-ewwel mara u l-armla attwali. L-intimata sejħet bħala xhud rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fejn spjega li l-pensjoni tar-romol tiġi apporzjonata, fis-sens li l-ewwel tinħadem il-pensjoni sħiħa imbagħad l-ewwel mara tingħata dik il-porzjoni li jirriżulta minn mindu żżewġet sa meta kien hemm is-separazzjoni u t-tieni mara tingħata r-rimanenti.

16. Jirriżulta għalhekk bħala fatt illi l-attriċi tirċevi pensjoni tar-romol.

17. Skond **Artikolu 66L (4) (ċ) tal-Kapitolu 16**:

"(4) Il-pronunzjament tad-divorzju kif maħsub fis-subartikolu (1) għandu dawn l-effetti:

[...]

(ċ) jispiċċaw id-drittijiet tal-miżżewġin għas-suċċessjoni ta' xulxin, b'effett minn dakinhar meta d-digriet jew sentenza ta' divorzju jkunu saru *res judicata*."

18. Huwa evidenti illi bis-saħħa tal-artikolu appena ċitat, mal-pronunzjament tad-divorzju ta' bejn l-attriċi u d-defunt żewġha id-dritt li jirtu lil xulxin spiċċa darba għal dejjen *ope legis* b'effett mill-ġurnata li d-digriet jew sentenza ta' divorzju saru *res judicata*. Għalhekk, kuntrarjament għal dak sottomess mill-konvenuta, bl-ebda mod ma jista' jiġi kkonsidrat illi l-attriċi kienet werrieta tad-defunt Martin Cachia.

19. Martin Cachia miet intestat u għalhekk l-eredi bil-liġi huma uliedu u l-mara tiegħu il-konvenuta Elena Cachia. Mhux ikkontestat li ulied Martin Cachia rrinunzjaw għall-wirt bis-saħħa ta' kuntratt tat-23 t'April 2019[4] u għalhekk is-sehem tagħhom żdied mas-sehem li wirtet Elena Cachia sabiex b'hekk l-unika eredi ta' Martin Cachia hija l-konvenuta Elena Cachia.

20. Jirriżulta anke mill-affidavit tal-konvenuta li hija aċċetat il-wirt ta' żewġha. Kwalunkwe dubju fir-rigward huwa eliminat b'sempliċi qari tal-kuntratt ta' bejgħ tad-dar matrimonjali fejn dehru kemm il-konvenuta Elena Cachia kif ukoll l-attriċi Therese Cachia, fuq liema kuntratt ġie dikjarat bl-aktar mod ċar li l-unika eredi ta' Martin Cachia hija fil-fatt il-konvenuta Elena Cachia.

[4] Informazzjoni meħuda mill-kuntratt tal-bejgħ tad-dar matrimonjali – a fol 52.

21. **Għaldaqstant l-attriċi uriet sodisfaċentement illi hija l-konvenuta Elena Cachia l-unika werrieta universali tal-mejjet Martin Cachia. Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni qed tiġi respinta**.

**It-tielet eċċezzjoni**

22. B'din l-aħħar eċċezzjoni, l-intimata tinsisti li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu stante li kwalunke kreditu li kien dovut lir-rikorrenti ġie debitament saldat.

23. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-intimata tispjega din l-eċċezzjoni billi tgħid li l-ammont dovut lir-rikorrenti ġie saldat meta sar il-bejgħ tad-dar matrimonjali u ċioe meta l-ammont ta' €249,116.62 tħallas lir-rikorrenti u tinsisti li "kienet biss l-attriċi Therese Cachia li bbenefikat mill-bejgħ tad-dar. B'hekk il-fatt illi kienet biss l-attriċi li gwadanjat minn dan il-bejgħ – minkejja li l-fond kien jgħajjat liż-żewġ kontendenti – huwa prova ċara illi l-pretensjonijiet kollha tal-attriċi f'din il-kawża ġew saldati."[5]

24. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali osservazzjoni. Huwa ferm ċar mis-sentenza tas-separazzjoni li d-dar matrimonjali kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u allura l-attriċi kienet is-sid ta' nofs indiviż tad-dar. Mis-somma ta' bejgħ ta' €580,000 ġew imnaqqsa il-bilanċ tas-self bankarju li Therese Cachia ħadet flimkien ma' Martin Cachia sabiex xtraw l-istess dar matrimonjali li kien fis-somma ta' €213,595.21. Is-somma li kien fadal u ċioe ta' €366,404.71, kellha tiġi diviża fi tnejn. Sehem Theresa Cachia bħala rikavat lilha appartenenti kien fis-somma ta' €183,202.35.

25. Jirriżulta għalhekk illi mis-somma ta' €249,116.62 li l-attriċi irċeviet fuq il-kuntratt ta' bejgħ, €183,202.35 kienu flus lilha appartenenti bħala sid ta' nofs

[5] Fol 104 tal-proċess.

indiviż tad-dar matrimonjali u mhux flus lilha mħallsa in sodisfażżjoni akkont tal-kreditu li kellha kontra Martin Cachia skond is-sentenza.

26. Jirriżulta għalhekk illi fuq dak il-kuntratt mill-ammont dovut lill-attriċi skond is-sentenza tħallset biss is-somma ta' €65,914.26.

27. Jeħtieġ issa naraw f'aktar dettal x'kien il-kreditu kanonizzat favur l-attriċi bis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tad-29 t'Ottubru 2009:

> "Il-Qorti tosserva li, gialadarba l-ghotja ta' LM150,000 li nghatat lill-attur biex jissostitwixxi bastiment [Gatto] li kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, allura din is-somma ghandha tigi kunsidrata bhala li dahlet fil-komunjoni ta' l-akkwisti ; u issa, gjalarba l-bastiment [Liberty 5], akkwistat b' dawk il-fondi, gie trasferit abuzivament mill-attur fuq terza persuna, allura l-konvenuta ghandha dritt ghar-rifuzjoni ta' nofs is-somma percepita mill-attur, u li tirrapprezenta nofs il-valur tal-bastiment akkwistat.
>
> Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenuta hija kreditrici tal-komunjoni ta' l-akkwisti fl-ammont ta' LM75,000; u konsegwentement, tenut kont tal-proposta tal-konvenuta, maghmula fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, hija tirrinunzja ghal kull interess li hi ghandha fil-bastimenti fuq imsemmija. F'dawn it-termini l-Qorti tordna li mal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-konvenuta tithallas l-imsemmija somma."[6] (sottolinear ta' din il-qorti).

Kompla jiġi dikjarat f'dik is-sentenza:

> "mir-rikavat ta' dan il-fond, ghandhom jithallsu d-djun kollha gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, hawn taht indikati, inkluz il-kreditu tal-konvenuta ta' LM75,000 u wara li jsir dan, il-bilanc jigi maqsum f' zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon tigi konsenjata lill-attur filwaqt li l-porzjoni l-ohra tigi konsenjat lill-konvenuta."[7]

[6] Fol 15 tal-proċess.
[7] *ibid.*

28. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjui) fis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2010 imbagħad osservat li

> "Ghal kull buon fini, jigi ccarat li ghalkemm l-ewwel Qorti ordnat li s-somma ta' Lm75,000 titnaqqas minn sehem l-attur mill-prezz tal-bejgh tad-dar matrimonjali, f'kaz li wara l-bejgh tal-fond u l-hlas tad-djun ma jibqax flus bizzejjed biex lill-konvenuta tithallas din is-somma, allura xorta l-attur jibqa' obbligat li jhallas minn butu din is-somma jew il-bilanc li jkun fadal." (sottolinear ta' din il-qorti).

29. Huwa minnu li kif tgħid il-konvenuta hija ma messha xejn mir-rikavat tad-dar imsemmija; pero' dan jidher li seħħ peress li l-Bank kien ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru intavolat mill-Kummissarju tat-Taxxi kontra Elena Cachia u oħrajn (pero mhux kontra Therese Cachia) bin-numru 1318/2018 fis-somma ta' €117,288.09, liema somma – li kienet tappartjeni lil Elena Cachia – inżammet mill-Bank sabiex tiġi depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti.

30. Dan kollu meqjus, il-Qorti tikkonkludi li mill-kontenut tar-rikors u permezz tax-xhieda u tad-dokumenti li ppreżentat ir-rikorrenti fil-kors tas-smigħ tar-rikors, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti għamlet il-prova li trid il-liġi għal fini ta' proċeduri ta' din ix-xorta u ċioe' li (i) li l-konvenuta Elena Cachia hija l-unika werriet universali ta' Martin Cachia; u (ii) illi l-ammont kanonizzat favur l-attriċi bis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2009 u f'dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-28 ta' Mejju, 2010, għadu ma ġiex kollu saldat.

31. Għaldaqstant it-talba attriċi timmerita' li tiġi akkolta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta Elena Cachia;

2. **Tilqa'** t-talbiet attriċi ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. **Tawtorizza** lill-attriċi teżegwixx kontra l-konvenuta Elena Cachia, qua unika eredi universali tad-defunt Martin Cachia, t-titolu eżekuttiv tagħha naxxenti mis-sentenza **Martin Cachia vs. Therese Cachia** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Mejju 2010.

**Bl-ispejjeż** kontra l-konvenuta.

**Moqrija**.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

30 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**